> “De Rohan hi l-ewwel Banda
> Mill-elf tmien mija u sittin
> Mill-fundatur kbir tagħha
> s-Surmast tagħha Borg Indrì”

# 1960: Il-Banda De Rohan tiċċelebra l-100 Sena tagħha

**kitba tas-surmast Henry Camilleri**

Kien suġġeriment tajjeb tal-President, l-Avukat Stephen Zammit, meta fi Frar li għadda, waqt li konna qed nieħdu *cappuccino* għand Cafè Cordina tal-Belt fil-kumpanija wkoll tas-segretarju Frankie Borg u t-teżorier Emmanuel Agius, talabni nikteb artiklu dwar il-festa li kienet saret fl-1960 f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-Banda De Rohan minn Indri Borg fl-1860. Dik kienet okkażjoni memorabbli mhux biss għall-Banda De Rohan imma wkoll għall-istorja tal-baned f'Malta għax dakinhar tfakkar għeluq il-100 sena **tal-ewwel banda f'Malta** kif jgħidilna l-istoriku Pietru Pawl Castagna (1827-1907) fil-ktieb tiegħu *Lis storia ta Malta bil Gzejer tahha Vol. III* f'p. 248:

*"L'ewel Banda Nazionali saret f'Haz-Zebbug mil tant imsemmi Vallettan Mastr' Indri Borg fl'1860."* Castagna kompla billi emfasizza li ***"Dàn kien il Bidu ta kem Baned saru u li għàd isiru."***

**Dun Salv Ciappara** (1833-1904), li għix u miet f'Ħaż-Żebbuġ, ukoll kiteb li Indri Borg waqqaf banda f'Ħaż-Żebbuġ fl-1860 u dan f'paġna 94 tal-ktieb tiegħu *Storia del Zebbug e sua Parrocchia (1882)*. L-okkażjoni tant kienet unika fl-istorja tal-baned f'Malta li kellha rapport fil-ġurnal prinċipali ta' dak iż-żmien, *Il-Berqa*, fil-ħarġa tagħha tal-24 ta' Marzu 1960 li t-titlu tiegħu u l-ewwel paragrafu kienu dawn:

Il-Ħamis, 24 ta' Marzu, 1960. IL-BERQA

**IL-BANDA 'DE ROHAN' TICCELEBRA L-EWWEL CENTINARJU TAGHHA**

**Minn Reporter Taghna**

FL-OKKAŻŻJONI tal-Festa Ċentinarja mit-twaqqif tal-Banda "De Rohan" ta' Ħaż-Żebbuġ, l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kixef lapida ta' tifkira li wara ġiet imbierka mill-Eċċellenza Tiegħu M o n s. Arċisqof. Din il-lapida tinstab imwaħħla mal-ħajt ta' barra tal-Każin tal-Banda.

Għaldaqstant se nilqa' s-suġġeriment tal-Avukat Stephen Zammit u nipprova nagħti stampa fidila ta' dik l-okkażjoni li issa għaddew aktar

minn 57 sena minn fuqha u allura ftit hawn min jiftakarha.

## Il-Kumitat li organizza l-festa

Naturalment kien hemm ħafna xogħol xi jsir biex tiġi organizzata festa kif xieraq ta' okkażjoni tant speċjali u dan twettaq mill-membri tal-kumitat u minn oħrajn li jidhru f'dan ir-ritratt:



Fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Filippu Bartolo, Pawlu Borg, Carmelo Gatt, Carmelo Balzan (Awditur), Ċensu Mifsud, Carmelo Baldacchino u Giuseppe Camilleri (Ass. Teżorier).
Fuq quddiem mix-xellug għal-lemin: Antonio Farrugia (Awditur), Philip Chircop (President), Dun Salv Mallia (Kappillan tas-Soċjetà), Giuseppe Farrugia (Segretarju) u Henry Camilleri (Viċi President).
Ma jidhrux f'dan ir-ritratt il-President Onorarju Dr. Philip Saliba L.L.D., ħuh it-Teżorier Carnmelo Saliba u l-membri Francis Bajada, Silvestru Farrugia, Ġanni Vassallo u Ġamri Zammit.

Minn dawn il-membri ħamsa biss għadhom mimlija bil-għomor u dawn huma: Henry Camilleri, Francis Bajada, Carmelo Gatt, Ġanni Vassallo u Ġamri Zammit.

## Data

Id-data meta kellha ssir l-festa qanqlet ftit tad-diskussjoni. Kien hemm minn ħaseb li kellha ssir mal-festa ta' San Ġużepp, jiġifieri nhar l-aħħar Ħadd

ta' Lulju. Imma kien hemm min dehrlu li ladarba l-Banda De Rohan kienet l-ewwel banda li twaqqfet f'Malta, allura kien xieraq li naċċertaw li tkun hi l-ewwel banda li tiċċelebra l-ewwel 100 sena tagħha u allura ssuġerew li ssir f'Marzu. Kien hemm minn argumenta li t-temp f'Marzu ma tistax tafdah - fil-fatt qattret daqxejn waqt id-diskors - imma fl-aħħar ġie deċiż li l-festa ssir nhar il-Ħadd 6 ta' Marzu 1960 u ntbagħatet stedina lill-Gvernatur Sir Guy Grantham u lill-Arċisqof Michael Gonzi. L-istedina ġiet milqugħa imma l-kumitat ġie mgħarraf li dakinhar il-Gvernatur ma setax u allura l-festa ġiet posposta għall-20 ta' Marzu 1960.

## Strumentatura ġdida għall-Banda De Rohan





Strumenti li nxtraw għall-banda. Fir-ritratt ta' fuq il-lemin jidher l-Arċipriet Dun Lawrenz Zammit ibierek l-istrumenti. Jidhru wkoll il-President Philip Chircop u l-Kappillan tal-każin Dun Salv Mallia.

Waħda mill-ewwel deċiżjonijiet li ttieħdu kienet li tinxtara strumentatura ġdida għall-banda. Din kienet meħtieġa għax dak kien żmien meta l-baned kollha kienu qed jaqilbu minn *corista vecchia* għal waħda *normali* u kien meħtieġ li l-Banda De Rohan tagħmel l-istess għax inkella ma kinitx tkun tista' tagħmel użu minn bandisti ta' baned oħra peress li l-"*pitch*" tal-istrument tagħhom kienet tkun differenti. Ma kinitx ħaġa ħafifa għax ried jinxtara strument ġdid għal kull bandist, għal kull alliev u oħrajn extra. Jiġifieri kienet spiża enormi u kien sar sforz kbir biex tinġabar is-somma meħtieġa. Mertu kbir f'dan il-ġbir kellu t-Teżorier Carmelo Saliba li kien jiġi ħu l-President Onorarju n-nutar Philip Saliba u missier l-ex President Pio Saliba li serva għal ftit xhur fl-1992 u għal sitt snin bejn l-2002 u l-2008. Id-ditta li ġiet inkarigata kienet dik ta' Carabott li kellha l-ħanut tagħha fi Triq il-Merkanti tal-Belt fejn il-Ministeru tas-Saħħa - illum hu ħanut ta' xi ħaġa oħra. Meta l-istrumenti waslu, tpoġġew għall-wiri fil-kamra fejn illum hemm il-Banka tal-Lottu.

F'*Il-Berqa* tas-6 ta' Novembru 1959 deher artiklu dwar dan, li kien jgħid hekk:

"*Nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru, il-membri tal-Każin San Ġużepp, ta' Ħaż-Żebbuġ, inġemgħu bi ħġarhom biex jassistu għat-tberik ta' strumenti ġodda li l-Banda De Rohan se żżanżan is-sena d-dieħla, għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Kienu s-6 p.m. meta l-Arċipriet, il-Wisq Reverendu Dun Lawrenz Zammit flimkien ma' Dun Salv Mallia, Kappillan tal-Każin, ġew milqugħa mill-President, is-sur Ph. Chircop. L-Arċipriet, imdawwar bil-membri tal-Kumitat, bandisti u soċi tal-Każin, bierek l-istrumenti. Wara sar trattament xieraq. Il-ferħ mhux tas-soċi biss, iżda anki tal-poplu Żebbuġi kollu, deher matul il-ġranet li fihom l-istrumenti nżammu esposti għall-pubbliku. Huma esprimew l-apprezzament tagħhom lill-membri tal-Kumitat ta' dan il-Każin li b'sagrifiċċju u żelu rsistew u ħadmu biex jaraw din l-opra titwettaq.*"

## Il-festa tiftaħ b'quddiesa

Il-festa nfetħet l-Ħadd 13 ta' Marzu meta l-Kumitat flimkien ma' għadd ta' membri mxew wara l-bandalora tas-soċjetà għall-knisja arċipretali fejn semgħu quddiesa b'suffraġju għall-membri mejta li kienet konċelebrata mill-arċipriet Dun Lawrenz Zammit. Hekk kif spiċċat il-quddiesa tkanta t-*Te Deum* bħala radd il-ħajr. Filgħaxija, mbagħad, sar riċeviment kbir fil-każin li għalih kienu mistiedna l-bandisti u l-membri bil-familji tagħhom.

## Jaslu l-mistednin

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Marzu, jum il-festa, l-ewwel li wasal kien l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi li ġie milqugħ minn ċapċip kbir



Il-President Philip Chircop u membri jilqgħu l-Gvernatur Sir Guy Grantham.



L-Eċċellenza Tiegħu il-Gvernatur Sir Guy Grantham u l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi jisimgħu id-diskors.

u mid-daqq tal-*Innu tal-Papa*. Warajh wasal l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Guy Grantham akkumpanjat minn Lady Grantham li wkoll intlaqa' minn ċapċip kbir waqt li l-banda sellmitlu bil-*God Save the Queen*.



Il-President jidher jaqra ndirizz ta' merħba. Mix-xellug għal-lemin jidhru l-Arċisqof Gonzi, Dun Luret Callus, Dun Anton Galea, il-Gvernatur Grantham, il-President Philip Chircop u jidher kemm kemm in-nutar Philip Saliba, President Onorarju.

Il-President Philip Chircop laqagħhom fil-bieb tal-Każin u mbagħad flimkien mal-mistednin l-oħra baqgħu sejrin lejn is-sala fejn il-President għamel indirizz ta' merħba li għalih wieġeb l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur. Il-President imbagħad stieden lil kulħadd imorru fil-pjazza fejn kellu jsir il-kxif u t-tberik tal-lapida ta' tifkira, id-diskors tal-okkażjoni u l-programm li l-Banda ħejjiet għall-okkażjoni.

## Kxif u tberik tal-lapida




Ritratt tal-lapida

Hekk kif kulħadd ħareġ mill-każin l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ġie mistieden jikxef il-lapida li tfakkar għeluq l-ewwel ċentinarju ta' din l-ewwel banda ta' Malta u l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof imbagħad berikha.

Din il-lapida kienet ġiet ordnata għand id-ditta Bonavia. Konna morna jiena u l-President Philip Chircop id-dar tiegħu f'Santa Venera fejn ftehmna dwar il-partikularijiet tagħha. Wieħed jinnota li isfel nett fuq in-naħa tal-lemin hemm id-data 6 – 3 – 1960. Kif spjegajna aktar 'l fuq, il-festa kienet ġiet posposta għall-20 ta' Marzu fuq talba tal-gvernatur Sir Guy Grantham.

Waqt il-kxif u t-tberik tal-lapida l-Kor tal-Ħamrun akkumpanjat mill-Banda De Rohan kanta l-innu kompost għall-okkażjoni mis-surmast Farrugia li ġie msemmi ***Lil Indri Borg Missier il-Banda De Rohan*** b'versi aktarx ta'

Antonio Farrugia li kien jiġi ħu s-surmast. Il-versi huma dawn:

*Ejjew ħalli tisimgħu*
*Lill-omm tal-baned Maltin*
*De Rohan hi l-ewwel banda*
*Tal-gżejjer Maltin w'Għawdxin.*

*De Rohan ilha mwaqqfa*
*Mill-elf tmin mija u sittin*
*Mill-fundatur kbir tagħha*
*Is-surmast tagħha Borg Indri.*

## Id-diskors tal-okkażjoni



Il-Viċi President Henry Camilleri jaqra d-diskors tal-okkażjoni. Jidher ukoll is-surmast Gerardo Farrugia (bin-nuċċali) u s-segretarju Joseph Farrugia.

Jiena kont ġejt mitlub nikteb u naqra d-diskors tal-okkażjoni li, wara li ġie approvat mill-kumitat, ġie stampat fl-istamperija *Tip Mużewmina*. Din kienet stamperija li membri *Interni* tas-Soċjetà MUSEUM kellhom f'numru 7, Triq De Rohan, Ħaż-Żebbuġ – ftit passi l-bogħod mill-Mużew tas-subien. Il-lum hi dar privata.

Sa dakinhar, qed nitkellmu sa qabel l-1960, kienu għadhom ma sarux riċerki fir-reġistri tal-knisja u fil-Biblijoteka tal-Belt u allura ma kienx hemm it-tagħrif li għandna llum. B'danakollu f'dak id-diskors għandna l-lista tas-surmastrijiet li kellha l-banda, wieħed wara l-ieħor, mit-twaqqif tagħha fl-1860 sa għeluq il-mitt sena tagħha jiġifieri minn Indri Borg sa Gerardo Farrugia. Il-lum, bir-riċerka li saret fl-arkivju tal-knisja u fil-Biblijoteka, għandna mhux biss il-lista tas-surmastrijiet b'aktar eżattezza dwar is-snin li fihom idderiġew s-surmastrijiet sa Pacifico Scicluna, iżda għandna wkoll is-servizzi li l-banda esegwiet tista' tgħid f'kull sena mill-1860 'il quddiem. Dawn, flimkien ma' dokumenti oħra li nisperaw li narawhom ippubblikati fi ktieb, jikkonfermaw dak li minn dejjem iċċelebrat il-Banda De Rohan jiġifieri t-twaqqif tagħha fl-1860 li, kif jgħidilna l-istoriku


Il-Banda De Rohan waqt il-programm tagħha



PROGRAMM

LI L-EWWEL BANDA TA' MALTA

DE ROHAN

sejra tesegwixxi nhar is-6 ta' Marzu 1960

F'MISRAĦ SAN FILEP, ĦAŻ-ŻEBBUĠ MIS-6.00 P.M. 'IL-QUDDIEM

f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tagħha

minn

Mro. INDRI BORG

| | | |
|---|---|---|
| 1. Innu Rohan | | G. Farrugia |
| 2. Marcia | Tannhouser (Kor) | R. Wagner |
| 3. Overture | I Vespri Siciliani | G. Verdi |
| 4. Pezzi Scelti | Turandot | G. Puccini |
| | HILDA TABONE (sopran) J. FARRUGIA (tenur) (Kor) | |
| 5. Gran Finale | Aida (Kor) | G. Verdi |
| 6. Inno al Sole | Iris (Kor) | P. Mascagni |

INNU ROHAN

GOD SAVE THE QUEEN

INNU MALTI

Surmast Direttur - Mro. G. FARRUGIA.

Waqt il-kxif ta' l-irħama kommemorattiva mill-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur, il-Banda De Rohan iddoqq l-Innu March "Lil Indri Borg, missier il-Banda De Rohan", kompożizzjoni ta' Mro. G. Farrugia.

Tip. Musewmina.

Pietru Pawl Castagna, tagħmilha l-ewwel banda ta' Malta u allura li kienet, kif l-istess Castagna emfasizza: *"... il Bidu ta kem Baned saru u li għàd isiru."*

## Il-Programm tal-Banda

Wara d-diskors, il-banda bdiet il-programm vokali u strumentali li s-surmast Gerardo Farrugia ħejja għall-okkażjoni.

Kif wieħed jista' jara ndaqqu xogħlijiet klassiċi ta' Richard Wagner, Giuseppe Verdi, Giacomo Puccini u Pietro Mascagni bil-parteċipazzjoni tal-Kor tal-Ħamrun, dak iż-żmien fost l-aqwa, dirett minn Dun Ġużepp Cachia. Ħadu sehem ukoll is-Sopran Hilda Tabone u t-tenur J. Farrugia. Kien programm esegwit b'maestrija, li jpaxxi l-widna u li ntlaqa' b'applawsi kbar.

Ġew preżentati diversi tazzi lill-banda minn ammiraturi u każini tal-baned fosthom waħda mill-Banda La Vallette li għal ħafna u ħafna snin onorat il-festa ta' San Ġużepp bil-parteċipazzjoni tagħha waqt li s-surmast Gerardo Farrugia ġie preżentat b'dgħajsa ta' Għawdex tal-fidda.

## Riċeviment

Wara l-programm il-mistednin ġew mistiedna għal riċeviment fis-sala prinċipali tal-Każin. Fost il-mistednin, barra l-membri tal-kumitat, bandisti u soċi kien hemm rappreżentanti ta' diversi każini ta' baned, nies prominenti u l-kleru Żebbuġi li kollha gawdew dawk il-mumenti sbieħ fil-kumpanija tal-Gvernatur Sir Guy Grantham u s-sinjura tiegħu u l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Qabel ma telqu, kemm il-Gvernatur kif ukoll Mons. Arċisqof irringrazzjaw lill-Każin għall-istedina tiegħu. Huma ġew preżentati b'taljakarti tal-

fidda mill-President Philip Chircop bħala tifkira tal-okkażjoni.

Għal din il-festa, id-dilettanti tal-logħob tan-nar tal-każin ħejjew wirja mill-isbaħ ta' nar tal-art kif ukoll kaxxa nfernali li għalqet il-festa.



Il-President Philip Chircop jippreżenta taljakarti tal-fidda bħala tifkira tal-okkażjoni lill-Gvernatur. Ippreżenta oħra wkoll lil Mons. Arċisqof Gonzi.

## Ittra mill-Gvernatur

Xi ġranet wara, il-President Philip Chircop irċieva ittra mingħand il-Gvernatur Sir Guy Grantham bid-data tal-21 ta' Marzu 1960 fejn irringrazzjah tal-istedina għall-festa ċentinarja li tagħtu l-opportunità li jiltaqa' mas-Soċjetà. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għall-programm mużikali u għal-logħob tan-nar tal-art kif ukoll irringrazzja għall-għotja tat-taljakarti b'munita tal-GranMastru De Rohan. Fl-aħħar nett huwa awgura lis-surmast u lill-bandisti li jkomplu b'suċċess il-mixja tal-banda.



THE PALACE,
MALTA.

21st March, 1960.

Dear Mr. Chircop,

Thank you very much for asking Lady Grantham and me to the celebrations of the 100th anniversary of the formation of the DeRohan Band Club. We very much enjoyed our evening and meeting you, the members of the Committee, members of the Club, and your other visitors. We also enjoyed the fireworks and the part of the musical programme which took place while we were there.

It was a pity that the rain somewhat interfered with the celebrations, but it certainly did not damp the spirits of the Club members, and it was great pleasure to be with you all.

Thank you also very much for giving me the very beautiful silver paper-knife, with the coins of DeRohan, which make it all the more attractive, and for having it so well engraved. I shall use it daily and it will be a lasting reminder of a happy and important occasion.

Please give my best wishes to Maestro Gerald Farrugia and the members of the Band, and wish them every continued success.

With my kindest regards to you all.

Yours sincerely,

Guy Grantham

Philip Chircop, Esq.,
President,
DeRohan Band Club.

L-ittra tal-Gvernatur